MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2007

Citazzjoni Numru. 982/1990/1

**Louis Busuttil bhala direttur**
**ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta'**
**Francis Busuttil & Sons Limited**

**Vs**

**Dr. Philip Attard Montalto u Anthony Sant Fournier**
**bhala diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta'**
**Five Effs Cold Stores Limited**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettiet illi d-ditta attrici kienet fdat u ddepozitat kontra pagament f'idejn id-ditta konvenuta f'diversi okkazzjonijiet

merkanzija proprjeta’ taghha sabiex tigi mahzuna u mizmuma mill-istess socjeta’ konvenuta fil-‘cold stores’ ta’ din fl-interess u fuq inkarigu tas-socjeta’ attrici;

U billi meta s-socjeta’ attrici giet biex tirtira l-merkanzija taghha s-socjeta’ konvenuta naqset li tikkonsenja lura hafna mill-merkanzija fdata f’idejha u kkonsenjat merkanzija ohra fi stat danneggjat, deterjorat u parti sostanzjali invendibbili;

U billi fis-7 ta’ Dicembru, 1989 is-socjeta’ attrici ghaddiet biex tiddepozita fir-registru ta’ dina l-Qorti l-flus pretizi mis-socjeta’ konvenuta ghall-magazzinar ta’ dina l-merkanzija, u s-socjeta’ konvenuta baqghet xorta wahda ma kkonsenjatx il-merkanzija kollha tad-ditta attrici li kienet depozitata f’idejha u dan nonostante d-diversi nterpellazzjonijiet ta’ dina l-ahhar;

U billi t-telf u d-deterjorament fuq imsemmi kien kawzat minhabba htija, nuqqas ta’ kura, traskuragni u negligenza da parti tas-socjeta’ konvenuta;

U billi bhala rizultat is-socjeta’ attrici sofriet diversi danni konsistenti f’telf u deterjorament ta’ merkanzija u hlas ta’ prezz ta’ magazzinar fuq l-istess oltre danni ohra li jigu ppruvati fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza;

Jghid il-konvenut nomine ghaliex ma ghandhiex dina l-Qorti:

1. Tiddikjara l-istess konvenuti responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-attur nomine minhabba l-fuq imsemmi nuqqasijiet u deterjorament ta’ merkanzija fdata f’idejh u dan fic-cirkostanzi fuq premessi;

2. Tillikwida d-danni fuq imsemmija okkorrendo b’opera ta’ periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenut nomine jhallas d-danni hekk likwidati;

Il-konvenut huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici a fol. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ Dr. Philip Attard Montalto et nomine** a fol. 10 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet tas-socjeta’ attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress illi s-socjeta’ konvenuta ma kkagunat l-ebda dannu lis-socjeta’ attrici.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-digriet a fol. 13;
Rat il-verbal a fol. 121 li bih d-difensur ta’ l-atturi nforma l-Qorti li l-kawza ghandha titkompla f’isem il-kumpanija (u dana stante li fil-mori tal-kawza miet Louis Busutill);

Rat il-verbal a fol. 126 fejn il-konvenuti ddikjaraw li m’ghandhomx aktar provi;

Rat in-nota tal-konvenuti;

**PROVI**

L-attur xehed li hu kien jinqeda bil-*cold stores* tad-ditta konvenuta biex jiddepozita x-xoghol ghandhom. Il-merkanzija dahlet “over a period of time”. Meta marru biex jirtiraw xi xoghol il-konvenuti ammettew li kien hemm xi xoghol nieqes u anke li certi affarijiet kienu bi hsara, izda ghalkemm ammettew il-hlas ma sarx u ftehim ma ntlahaqx. Il-konvenuti ma riedux jaghtu l-merkanzija qabel hu ma jhallas l-ammont dovut ghal magazzinar, ghalhekk hu ddepozita s-somma fil-Qorti. Wara d-depozitu rtira l-merkanzija t-tajba izda dak li kien bi hsara ma hadux u lanqas dak li kien nieqes. Hu rranga xi affarijiet li kienu bi hsara u jbieghom b’telf.

Stephen Rizzo, Sales Manager mad-ditta attrici, elenka l-merkanzija li ma gietx irtirata minnhom billi ma nstabitx fil-*cold stores* fl-ammont ta' Lm4,512.46 (fol 68). Kien hemm merkanzija ohra li baqghet ma nstabitx fl-ammont ta' Lm795.06 ara fol 68. Kien hemm merkanzija ohra li giet konsenjata izda jew bin-nieqes jew *damaged.* Hu kien mar ghal merkanzija u kkonferma li dak li semma kien danneggjat u mhux tajjeb ghall-ikel. Dawn jammontaw ghall Lm1,291.68. Hu kien iccekkja l-merkanzija mas-*storekeeper* taghhom John Bamber. Kien jidher li l-merkanzija ma kienitx storjata tajjeb.

Ray Vassallo, manager li jiehu hsieb l-istores u l-*accounts* tad-ditta attrici, ikkonferma dak li qal l-attur u Stephen Rizzo. Xehed li meta kienu jistorjaw il-prodotti kienu jinghtaw ricevuta u l-konvenuti qatt ma ghamlu xi rimarki dwar l-istat taghhom. Meta kienu jitolbuhom il-merkanzija l-konvenuti kienu dejjem igibu xi skuza biex ma jaghmlux id-*delivery*. Kienu jibghatu n-nies ghalihom u anke saret korrispondenza. Il-konvenuti kienu ammettew li kien hemm nuqqasijiet u hsarat izda qatt ma waslu ghall-hlas.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

F'kawzi civili l-attur li jallega li xi haga gratlu b'tort tal-konvenut irid jipprova huwa a sodisfazzjon tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jgibx dina l-prova l-azzjoni tieghu ma jistax ikollha ezitu favorevoli billi jkun naqas jipprova li dak li gara kien tort tal-konvenut. Dan mhux ghaliex dak li jkun gara jkun tort ta' l-attur imma semplicement ghaliex hu ma jkunx irnexxilu jipprova dak li allega bhala bazi tal-azzjoni tieghu. (Ara Dr. H. Lenicher vs J. Camilleri 31/3/72 PA RF ).

Fil-kaz in ezami l-attur qed jghid li l-konvenuti kienu responsabbli ghad-danni kollha sofferti minnhom minhabba nuqqasijiet u deterjorament ta' merkanzija fdata f'idejh il-konvenuti.

Din il-Qorti kienet rat il-verbali tax-xhieda migbura tul is-snin minn perit legali u assistent gudizzjarju izda mill-provi prodotti ghalkemm ir-responsabilita' tal-konvenuti li jiehdu

hsieb il-prodott ta' l-atturi kienet tirrizulta, izda l-Qorti ma setghetx tillikwida d-danni mitluba billi l-provi kienu ghal kollox inkonklussivi. Il-Qorti ghalhekk kienet issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza u talbet lill atturi biex jezebixxu rendikont dettaljat tad-danni li qed jippretendu, l-ammont tal-merkanzija nieqsa, dik danneggjata u x'inbiegh minnha. (fol 127).

Ghalkemm l-atturi b'nota pprezentaw prospett tad-danni kif ukoll diversi dokumenti li minnhom inhadem il-prospett izda l-Qorti ma tistax tikkonsidra dan il-prospett bhala prova legalment sufficjenti u accettabili ghal diversi ragunijiet. L-ewwel nett dan id-dokument ma giex mahluf u kkonfermat minn hadd u jikkontjeni biss kopji ta' dokumenti fil-pussess ta' l-atturi. Inotlre dan id-dokument ma giex spjegat u lanqas gie indikat kif inhadmu l-figuri li jirrapprezentaw id-danni reklamati. Ma hemm'x spegazzjoni jew prova dwar id-diversi *figures*, per ezempju Lm30,086.72; Lm34,533.45 u Lm11,717.31 fost ohrajn. Ma gewx indikati il-*cost price* u s-*selling price* tal-prodotti. Lanqas ma ngabet prova dwar x'attwalment gie depozitat mal-konvenuti ghal magazinagg jew ricevuti f'dan is-sens.

L-atturi kellhom mhux biss jipprovaw li sofrew danni htija tas-socjeta' konvenuta izda huma kellhom ukoll jipprovaw f'hiex kienu jikkonsistu dawn d-danni, haga li s-socjeta' attrici ma ghamlitx.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tichad it-talbiet attrici
Bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------